MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Numru 423/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Kyle Mifsud**
**Donna Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Kyle Mifsud** ta’ 21 sena, bin Carmel u Charmaine nee` Pace, imwieled Pieta`, nhar is-27 ta’ Awwissu 1992, residenti 3, Barbara, Flat 1, Sqaq l-Iskoccizi, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 418892M

u

**Donna Camilleri** ta’ 26 sena, bint Victor u Concetta nee` Caruana, imwielda l- Pieta` nhar il-5 ta’ Ottubru 1986, residenti Block 14, Bieb 1, Flat 2, Trejqet il- Ward, Santa Lucija u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 457586M

Akkuzati talli nhar it-2 ta’ Mejju 2013 ghall-habta tal-17:20hrs, fit-Triq Rudolfu Sliema u bnadi ohra:

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` PS 240 Brian Camilleri, PC 377 Gugliemu Dalli minghajr ma kkagunawlhom griehi, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitplu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ PS 240 Brian Camilleri, PC 377 Gugliemu Dalli waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzawhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri lil PS 240 Brian Camilleri, PC 377 Guglielmu Dalli u membri ohra jew ma hallewhomx, jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlu fid-dmirijiet taghhom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ittantaw li jikkomettu ferita gravi fuq diversi ufficjali tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ingurjaw jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuana ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz publiku u cioe` kontra PS 240 Brian Camilleri, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawh jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. U aktar talli fl-stess data, lok, hin u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, u dan bi ksur tal-Art 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu lill haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti, u dan bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrifjutaw li jaghtu, jew taw falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimhom, kunjomhom, fejn joqghodu u partikularitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Art. 338(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kienu ipprovokati,

ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti, u dan bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U **Donna Camilleri** wahedha akkuzata:

11. Talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati, kif registrata fl-atti tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2013, meta sar l-ezami tal-imputati ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkunsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom.

Ghal fini ta' piena – fir-rigward tal-imputata Donna Camilleri, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija minnha registrata u min-naha l-ohra l-fedina penali aggornata taghha li tikkonsisti f'ghaxar faccati u tinkludi diversi kundanni dwar serq, tlajjar f'postijiet pubblici jew f'postijiet esposti ghall-pubbliku ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, frodi b'ghemil qarrieqi u ksur ta' kundizzjonijiet imposti ghall-helsien mill-arrest. Fir-

rigward ta’ dawn ir-reati hija nghatat Ordni ta’ *Probation* darbtejn, liberazzjoni kundizzjonata tlett darbiet, liberazzjoni assoluta (*unconditional discharge)* ghaxar darbiet, sentenza ta’ prigunerija sospiza darbtejn u sentenza ta’ prigunerija effettiva darbtejn ukoll. Minkejja dan kollu u minkejja l-opportunitajiet li nghatawlha sabiex tirriforma ruhha, jidher illi l-imputata ma tghallmitx, izda regghet ghal darb’ohra kisret difrejha mal-gustizzja u ghazlet li tkompli f’din it-triq.

In oltre ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fir-rigward tal-imputat, Kyle Mifsud, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija minnu registrata, u l-fedina penali aggornata tieghu li hija wahda netta.

Fir-rigward taz-zewg imputati, il-Qorti rat ukoll illi s-sitt imputazzjoni hija ripetizzjoni tat-tieni imputazzjoni, fil-waqt illi l-ghaxar imputazzjoni hija ripetizzjoni tat-tmien imputazzjoni u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt u l-ghaxar imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b) u (d), 41(1), 49, 50, 95, 96, 216(1), 222(1)(c), 338(g), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata **Donna Camilleri** hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-seba’, it-tminn, id-disa’ u l-hdax-il imputazzjoni u tikkundannaha ghal piena ta’ prigunerija effettiva ta’ tlett (3) xhur, li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni mal-imputazzjonijiet li hawn instabet hatja taghhom.

Wara li rat l-Artikoli 41(1), 95, 96, 216(1), 222(1)(c), 338(g), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat **Kyle Mifsud** hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-seba’, it-tminn u d-disa’ imputazzjoni, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet, qed tgieghdu taht

Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni ta’ *Probation* hawn anness, li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma ruhu mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt u l-ghaxar imputazzjoni fir-rigward taz-zewg imputati ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti ta’ din il-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------